Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2017
(OR. fr)

10982/17

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0308 (COD)**

CODEC 1211
WTO 155
COEST 174
NIS 17

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (**l-ewwel qari**)<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-3 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE.

2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-4 ta' Lulju 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[2].

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

   - li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, hekk kif tinsab fid-dokument PE-CONS 33/17, bid-delegazzjoni Pollakka u dik Latvjana jastjenu;

[1] dok. 12936/16.
[2] dok. 10895/17.

- li jiddeċiedi li fil-minuti ta' din il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota u li jippubblikaha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.